Minuti tat-tlieta u għoxrin laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali Il-Gudja li ġiet imsejjħa fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Gudja nhar it-Tnejn 24 ta' Frar fis-5.45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti:- | Sindku | John Mary Calleja |
| | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut, Demelsa Grech u Stefan Caruana |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Joseph M. Formosa |
| Skużata:- | Ambaxxatriċi: | Melanie Bugeja |

**Aġenda:-**

1. Approvazzjoni ta' minuti:-
    a. Minuti 19/7 (16 ta' Jannar 2014)
    b. Minuti 20/7 (03 ta' Frar 2014)
    c. Minuti 21/7 (03 ta' Frar 2014)

2. Kommunikazzjonijiet:-
    a. Sindku
    b. Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri:
        i. Viċi-Sindku
        ii. Kunsillieri
    c. Korrispondenza

3. Rapporti:-
    a. Ilmenti

4. Ħatra – Bord tal-Għażla li tinkludi persuna mill-pubbliku dwar l-aġġudikazzjoni ta' tenders

5. Xogħlijiet u Progress:-
    a. Triq il-Kbira - kontijiet
    b. Toroq oħra:- Triq Ħal Safi u Triq Birżebbuġa.
    c. Sqaqien qalb l-għelieqi – skema finanzjament – Post ta' rikreazzjoni

6. UIF - Ġnien Raymond Caruana – Progress u Kontijiet

7. Approvazzjoni ta' Financial Statements 2013

8. Rapport Amministrattiv tas-sena 2013

9. Estimi Finanzjarji għas-sena 2014 u Pjan ta' Ħidma 2014-2016

10. Finanzi:-
    a. Petty Cash;
    b. Skeda ta' Pagamenti;
    c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

11. Għeluq tal-laqgħa u aġġornament

***Ftuħ tal-laqgħa***

Il-laqgħa bdiet fis-5.50pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

Mal-ftuħ tal-laqgħa is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva kommunikat mingħand Ms. Melanie Bugeja li kienet għadha indisposta. Il-Kunsill qabel li Ms. Bugeja tiġi konsidrata indisposta.

Sospenzjoni tal-Agenda – Il-Kunsill qabel li jissospendi l-Agenda.

Arkata/mina fi Triq il-Kbira li tagħti għal Triq il-Lebbien.

Is-Sindku spjega li kif kien imwiegħed fil-laqgħa ta' qabel huwa kien kiseb kuntatt dwar il-probabbli sid ta' din l-arkata/mina. Saret diskussjoni fejn ġie stabbilit illi din it-trejqa ilha miftuħa bħala passaġġ pubbliku għal aktar minn tlettin sena u b'hekk ġie stabbilit id-dritt pubbliku li minna jgħaddu nies bir-riġel minn Triq il-Lebbien għal Triq il-Kbira.

Peress li jidher ċar li jekk kien hemm xi ħsieb li kien hemm xi interess privat, dan naqas sewwa milli jieħu ħsieb dwar il-manutenzjoni ta' din il-mina u għalhekk kien qiegħed iħalli l-periklu anke f'post pubbliku.

F'dan iċ-ċirkustanzi l-Kunsill iddeċieda li x-xogħol ta' tiswijiet issiru mill-Kunsill u li għandu jiġi konsidrat li din l-arkata u t-trejqa għandha tibqa' miftuħa għaliex qed isservi l-interess pubbliku.

Il-Kunsill wasal għal din il-konklużjoni wara li ħa konjuzjoni wara li ħa konjuzjoni tal-interess tar-residenti, li fit-tarf hemm isem ta' Triq il-Lebbien u l-istess arkata/mina hemm stallazjoni ta' dawl pubbliku.

Il-laqgħa kompliet skont l-Agenda u dawk it-temi li ġew diskussi fil-laqgħa nru 22/7, ġew maqbuża.

2.3 Korrispondenza

2.3.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-korrispondenza kemm dik li rċieva kif ukoll dak li intbagħat mill-Kunsill u qabel li jkompli jsegwi fl-aħjar interess tal-Kunsill.

## 3.0 <u>Rapporti</u>

3.1 Ilmenti. Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ilmenti li rċieva l-Kunsill u ħa informazzjoni dwar it-tweġibiet u kif jaġixxi sabiex dawn l-ilmenti jiġu konsidrati fl-aqsar ħin possibli għas-sodisfazzjoni għal kull min ikun għamel ilment jew xi forma ta' kumment u jew suġġeriment ieħor.

4. Ħatra – Bord tal-Għażla li tinkludi persuna mill-pubbliku dwar l-aġġudikazzjoni ta' tenders

4.1 Meta beda jiġi trattat dan is-suġġett ġew proposti tlett ismijiet li huma s-Sur Toni Mangion, is-Sur Charles Zammit u s-Sur Pierre Mizzi. Saret diskussjoni u sar qbil sabiex jġi avviċinat s-Sur Pierre Mizzi sabiex jaċċetta din il-ħatra.

4.2 Jekk u meta s-Sur Mizzi jaċċetta din il-ħatra, għandhom jiġu infurmati l-membir tal-Kunsill. Jekk u meta s-Sur Mizzi ma jaċċettax għandhom ukoll jiġu nfurmati l-

membri kollha tal-Kunsill u wara tissejjaħ laqgħa tal-Kunsill b'urġenza sabiex issir għażla oħra kif ikun il-każ.

5. Xogħlijiet u Progress

5.1 Triq il-Kbira – kontijiet

5.1.1 Dwar il-kisi bit-tarmak tat-triq. Dawn il-kontijiet ġew imħallsa u għalhekk ma hemm l-ebda pendenzi.

5.1.2 Bankini u xogħlijiet oħra. Kien sar pagament ta' €20,000.00. Fl-iskeda tal-pagamenti li qegħda tiġi konsidrata waqt din il-laqgħa hemm propost pagament ieħor ta' €>>>> u għalhekk ma jibqax pendenzi ħlief għal parti li għandha x'taqsam ma' xogħlijiet li saru f'isem il-WSC liema xogħlijiet ma ġewx iċċertifikati mill-Perit tal-Kunsill u li dwarhom il-Kunsill iħoss li għandhom jitħallsu mill-WSC peress li huwa l-WSC li huwa responsabbli mid-distribuzzjoni u x-xogħol tal-ilma u mhux il-Kunsill.

5.2 Toroq oħra:- Triq Ħal Safi u Triq Birżebbuġa.

5.2.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni li l-Perit Audrey Ann Bonnici hija mistennija li tagħmel diversi rapporti tagħha sabiex il-Kunsill ikompli jaġixxi kfi ikun meħtieġ. Il-Kunsill fakkar ukoll illi l-Perit Bonnici kellha tagħmel ukoll kuntatti mas-sidien tal-għelieqi li għandhom ir-raba li l-ħitan taghhom jinsabu fi stat ħażin u li jista' jagħti l-każ li meta jibda xogħol ta' resurfacing dawn il-ħitan jistgħu jiġġarrfu iżda dan m'għandu xikun responsabbilita tal-Kunsill.

5.2.2 Il-Kunsill qabel li l-Perit tal-Kunsill għandha tiġi mfakkra dwar dan għaliex huwa meħtieġ li jkun hemm laqgħa ta' koordinament mal-istakeholders kollha fl-aqsar żmien possibli.

5.3.1 Sqaqien qalb l-għelieqi – skema finanzjament – Post ta' rikreazzjoni. Is-Sindku qal li huwa kien ukoll mar fuq il-post mal-Perit Bonnici u kien qed jistenna li l-Kunsill jirċievi l-istimi dwar konkos fit-trejqiet kif ikun meħtieġ u b'hekk il-Kunsill jista' jieħu passi dwar dawn ix-xogħlijiet kif ikun meħtieġ.

5.3.2 Sdanittant il-Kunsill għandu ukoll ikompli jesegwixxi l-programm ta' xogħol li dwarhom ġie mwiegħed il-fondi.

6. UIF - Ġnien Raymond Caruana – Progress u Kontijiet

6.1 Is-Sur Baldacchino qal li dan ix-xogħol jidher li wasal li jkun lest iżda jonqos dawl addattat, railing kif ukoll dustbins li jixirqu mal-ambjent.

6.2 Il-Kunsill approva dak li qal is-Sur Baldacchino u talab li għandu jsir kuntatt mal-Forestals dwar il-ħruġ ta' kwotazzjonijiet sabiex ix-xogħlijiet meħtieġa isiru fl-aqsar żmien possibli.

6.3 Dwar id-dustbins il-Kunsill approva li tinxtara d-dustbin mingħand SR Environmental Solutions Ltd għas-somma ta' €>>> li tinkludi l-hood.

6.4 Art tal-Gvern. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għandu jagħmel talba lil Ministru >>> sabiex tiġi rranġata l-art ta' Ġnien R. Caruana u flinħawi tal-bankini fuq il-madwar tal-istess Ġnien.

6.5 Tabelli. Is-Sur Baldacchino qal li t-tabelli għandhom ukoll jinbidlu u jitpoġġew f'postijiet ħdjen il-gates tal-playing field li juru dak li huwa projbit bħala skateboards, klieb u affarijeit oħra li jolqtu ħażin lil dawk li jkunu fil-playing field u l-ġnien, speċjalment lit-tfal kif ukoll l-anzjani.

6.6 Pagament. Is-Sur Baldacchino qal li l-pagament jinsab fuq l-iskeda preżenti tal-pagamenti iżda l-Kunsill qiegħed ukoll preżenzjalment jagħmel talba sabiex jirċievi is-somma ta' €>>>>> mill-UIF kif diġa ġie mwiegħed.

10. Finanzi

10.1 Petty Cash. Il-Kunsill approva n-nefqa ta' €>>> għax-xahar ta' Jannar 2014.

10.2 Skeda ta' Pagamenti. L-iskeda ta' pagamenti nru 10/7 għax-xahar ta' Jannar 2014 għas-somma ta' €82721.00 ġie approvata nem con.

10.3 Talbiet għal xiri u xogħlijiet

10.3.1 Xiri ta' cold asphalt. Fuq rakkomandazzjoni tas-Sindku, il-Kunsill qabel u approva li jinxtraw mitt borża cold asphalt sabiex jiġu mimlija diversi ħofor fit-troqo tal-Gudja u dan taħt l-awspiċi tal-kuntrattur li ġie approvat mill-Kunsill dwar dan ix-xogħol.

10.3.2 Żebgħa. Fuq rakkomandazzjoni tal-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel li jinxtraw erba' landi zebgħa terracotta u tlett landi żebgħa ħadra għal manutenzzjoni tal-playing field u ġnien Raymond Caruana.

10.3.3 Noticeboards. Fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsillier S. Caruana il-Kunsill qabel li jinkisbu kwotazzjonijiet dwar notice boards għall-avviżi tal-Kunsill. Iżda dwar in-notice board mal-bini tal-Kunsill dan għandu jsir aluminium kulur l-injam u b'hekk tingħata dehra kif tixraq il-bini u l-ambjent madwar il-Kunsill.

11. Għeluq tal-laqgħa u aġġornament

11.1 Mozzjoni 001/14 Life streaming

11.2 Mozzjoni 002/14 Librerija

11.3 Store għal ħtiġijiet tal-Kunsill. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill għandu jitlob lil Awtorita tad-Djar dwar il-ħtieġa tal-Kunsill li jingħata store numru 4 fil-Housing Estate tal-Mitħna.

11.4 Talba għal zebra crossing fi Triq Joseph Gravina Gudja. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qed jirċievi diversi talbiet dwar il-periklu li jeżisti fil-parti l-wiesgħa ta' Triq Joseph Gravina (fil-parti il-wiesgħa meta wieħed jiġi sabiex jaqsam). Il-Kunsill qabel li jitlob lit-TM sabiex tagħmel zebra crossing bid-dawl kif meħtieġ u b'hekk jonqos il-periklu għal kull min jagħmel użu mill-parti ta' din it-triq.

11.5 Skip fi Triq Joseph Gravina li għandha tmur ħdejn dik li teżisti biswit il-ħwienet. Fuq rakkomandazzjoni tal-Viċi Sindku, l-Kunsill qabel li din l-iskip titpoġġa ħdejn dik ta' biswit il-ħwienet. Dan isservi ukoll ta' messaġġ xieraq għal min li mhux residenti fil-Gudja jidħol ġewwa l-Gudja sabiex iħalli l-iskart tiegħu u dan bi ħsara għall-Gudja u l-Gudjani.

11.6 Tabelli fit-tarf ta' Triq Ħal Safi li tiżbokka fi Triq Ħal Far li juru li d-dħul huwa biss għar-residenti tal-Gudja u ta' dawk li jagħtu servizz lir-residenti. Il-Kunsill qabel li jerġa jressaq dan lit-TM sabiex ma jkunx hemm konġestjoni tat-traffiku fil-parti d-dejqa fi Triq il-Kbira u l-inħawi tal-madwar.

11.7 Sistema ta' smart light fi Triq il-Kbira fuq in-naħa ta' Wesgħet Anġlu Dalli. Il-Kunsill qabel li jikseb kwotazzjoni dwar sistema ta' smart lighting f'dawn l-inħawi u wara jara kif l-aħjar jinkiseb il-finanzjament.

11.8 Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2013-2014. Is-Sur Caruana qal li xtaq jinforma l-Kunsill li wara applikazzjoni li għamel il-Kunsill, il-Kunsill ingħata promessa ta' €1000.00 għall-attivita' "Erba' Staġuni". Is-Sru Caruana qal li għalkemm huwa xtaq li l-Kunsill ikollu aktar fondi għall-kultura, dawn il-fondi sejrin jgħinu fil-ħidma tal-Kunsill fil-qasam tal-kultura.

11.9 L-ittra li rċieva l-Kunsill mingħand >>>>> dwar l-attivita' tagħhom fil-Kappella ta' Bir Miftuħ għaż-żmien tal-Ġimgħa l-Kbira 2014. Meta ra u kkonsidra l-kontenut ta' din l-ittra l-Kunsill iddeċieda li għandu jirrispondi billi jispjega li meta żmien ilu l-Kunsill għamel kuntatt mas-Segretarju Ġenerali ta' Din l-Art Ħelwa dwar l-attivita tal-Kunsill tas-26 ta' Marzu 2014 il-Kunsill irċeiva risposta ferm pożittiva u ma kellu l-ebda informazzjoni li kien hemm xi interess ta' terzi. Fiċ-ċirkustanzi u sabiex juri l-kooperazzjoni kemm ma din l-Art Ħelwa kif ukoll ma min ikun jixtieq jorganizza attivita oħra fil-Kappella, il-Kunsillier S. Caruana qabel li jiċaqlaq dan il-kunċert għat-Tnejn 24 ta' Marzu 2014 u b'hekk ikun hemm aktar żmien x'jutilizza min sejjer jagħmel l-wirja tal-Ġimgħa l-Kbira.

Il-Kunsill jixtieq ukoll jawgura kull suċċess u joffri kull għajnuna possibli, anke l-użu tan-notice board fid-board fid-dħul tat-trejqa ta' Bir Miftuħ.

**Aġġornament**

Peress li l-materja fuq l-Agenda ġiet eżawrita s-Sindku għalaq il-laqgħa fit-7.45pm u aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Ħamis 20 ta' Marzu 2014 fis-5.45pm fl-agenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsillieri kollha qabel il-laqgħa.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati:-